MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 4/2005/1

**Kummissarju tal-Art**

**v.**

**Joseph Pirotta u b'digriet tal-31 ta' Dicembru 2009, l-Avukat Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' Joseph Pirotta li miet fil-mori tal-kawza;**
**u b'digriet tal-1 ta' Gunju 2011 Lydia armla ta' Joseph Pirotta,**
**Joseph, Marlene mart Tony Gatt u Doreen mart Vincent Camilleri**

**ilkoll ahwa Pirotta ulied il-mejjet Joseph Pirotta assumew l-atti tal-kawza minflok Joseph Pirotta li miet fil-mori tal-appell;**
**u b'digriet tat-8 ta' Gunju 2011 gie revokat id-digriet tal-31 ta' Dicembru 2009 li bih gew nominati Dr. Martin Fenech u Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi deputati;**
**Harold James Borg u martu Doris minnu assistita**
**u b'digriet tal-5 ta' Lulju 2006, l-atti kienu legittimati f'isem**
**Susan mart Lewis Julian Zammit, Anne, Cecilia, Godwin, Robert u Thomas ahwa Borg u b'digriet tal-31 ta' Dicembru 2009,**
**l-Avukat Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Godwin Borg, Thomas Borg u Robert Borg;**
**u b'digriet tal-15 ta' Frar 2011 gie revokat id-digriet tal-31 ta' Dicembru 2009 li bih gew nominati l-kuraturi Deputati**
**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer**
**stante li Godwin Borg, Thomas Borg u Robert Borg qatt ma kienu assenti minn Malta**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors li r-rikorrent ipprezenta fit-28 ta' Jannar 2005, quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet li jaqra hekk:
"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 7 ta' Lulju 1970 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franki u liberi tat-tlett bicciet art f'San Giljan u cioe' (A) bicca art tal-kejl Siegh u tlett Kejliet (1S 3K) li tmiss min-Nofsinhar ma' proprjeta' tas-Sur Michael Grech u ohrajn, mill-Punent Majjistur ma' proprjeta' tad-Ditta Carmalo Mallia and Brothers, u mill-Lvant u mit-Tramuntana ma' propjeta' tas-Sur Joseph Pirotta; (B) bicca art tal-kejl tas-Siegh u hames Kejliet u tmien decimi ta' kejla (1S 5.8K) li tmiss min-Nofisnhar ix-Xlokk ma' propjeta tad-Ditta Carmelo Mallia and Brothers, mill-Grieg il-Lvant ma'

proprjeta' tas-Sur Joseph Pirotta u mill-Punent u l-Lbic parti minn proprjeta tas-Sur Joseph Pirotta u parti ma' proprjeta' tas-Sinjura Dolores Mifsud; (C) bicca art tal-kejl ta' Tomna Siegh, tlett Kejliet u seba' decimi ta' kejla (1T 1S 3.7K) li tmiss min-Nofsinhar parti minn proprjeta' tas-Sur Joseph Pirotta u ohrajn, u parti ma' proprjeta' ta' Sur Carmelo Mallia u ohrajn, mit-Tramuntana u mill-Lvant ma' proprjeta' tal-Gvern, u mill-Punent ma' proprjeta' tas-Sur Joseph Pirotta u ohrajn, huwa ta' seba' u ghoxrin lira u tlettax-il xelin u erba' soldi (L27.13s 4d) ghall-bicca art immarkata (A), tlieta u tletin lira u erbatax-il xelin (L33. 14s 0d) ghall-bicca art immarkata (B); u mija seba' u erbghin lira. U tmien xelini (L147 8s 0d) ghall-bicca art immarkata (C) kif jidher mir-rapport tal-Perit Rene' Buttigieg A.&C.E. tat-22 ta' Novembru, 1969 u tal-25 ta' Novembru 1969 li estratt taghhom (Dok A u Dok B) huma annessi ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

"Illi b'ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju, 1970 l-intimati fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma' jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun (1) tlett mitt lira (L300) ghall-bicca art immarkata (A); (2) tlett mija u hamsin lira (L350) ghall-bicca art immarkata (B) u (3) elfejn lira (L2000) ghall-bicca art immarkata (C).

"Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu, jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franki u liberi l-bicciet art fuq imsemmija, jiffissaw kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Rat li b'nota tas-17 ta' Awwissu, 2005, il-Kummissarju tal-Art kien iddikjara illi l-plot C kienet giet rilaxxata a favur is-sidien u li ghalhekk ma kellhiex tifforma aktar parti mir-rikors odjern;

Rat is-sentenza li l-imsemmi Bord ta fis-16 ta’ Ottubru, 2008, li in forza taghha, wara li qies il-valutazzjoni unanima li ghamlu l-membri teknici tal-istess Bord, iddecieda illi
“… … … jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat li jitrasferixxi bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut ta’ bicctejn art f’San Giljan u cioe’ (A) bicca art tal-kejl Siegh u tlett Kejliet (1S 3K) li tmiss min-Nofsinhar ma’ proprjeta’ tas-Sur Michael Grech u ohrajn, mill-Punent Majjistur ma’ proprjeta’ tad-Ditta Carmelo Mallia and Brothers, u mill-Lvant u mit-Tramuntana ma’ propjreta’ tas-Sur Joseph Pirotta; (B) bicca art tal-kejl tas-Siegh u hames Kejliet u tmien decimi ta’ kejla (1S 5.8K) li tmiss min-Nofisnhar ix-Xlokk ma’ proprjeta tad-Ditta Carmelo Mallia and Brothers, mill-Grieg il-Lvant ma’ proprjeta’ tas-Sur Joseph Pirotta u mill-Punent u l-Lbic parti minn proprjeta tas-Sur Joseph Pirotta u parti ma’ proprjeta’ tas-Sinjura Dolores Mifsud bil-kumpens ta’ Euro 2348.00 ghall-plot A u Euro 2643.84 kwantu ghal plot B. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-28 ta’ Novembru, 2008 fis-2.30 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord wara li tkun stabbilita il-valur tal-munita vigenti fis-7 ta’ Lulju 1970 komparat mal-valur tal-euro llum.”

Rat li minn din id-decizjoni appella l-Kummissarju tal-Art li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti joghogobha temenda s-sentenza moghtija mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet fil-parti fejn stabbiliet il-kumpens dovut lill-intimati fl-ammont ta’ Euro2348.00 (ekwivalenti ghal Lm1008.00) ghal Plot A u Euro2643.84 (ekwivalenti ghal Lm1135.00) u tikkonfermaha fil-parti fejn tordna lill-intimati jittrasferixxu bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut l-artijiet in kwistjoni.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li fl-1970 il-Gvern ta’ Malta kien espropria tlett bicciet art f’San Giljan ghal skop pubbliku. Sussegwentement, plot minnhom inghatat lura lis-sidien, u l-kwistjoni ta’ bejn il-partijiet kienet tmiss biss l-ammont ta’ kumpens li kellu jithallas fuq il-bicctejn art li l-Gvern zamm ghalih. Ghall-area A il-Gvern offra £27.13s 4d, fil-waqt li s-sidien talbu £300, u ghall-area B, il-Gvern offra £33.14s 0d, fil-waqt li s-sidien talbu £350. Il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet iffissa kumpens ta’ Lm1,008 (€2,348.00) ghall-area A u kumpens ta’ Lm1,135 (€2,643.84) ghall-area B.

Il-Kummissarju tal-Art appella minn din is-sentenza peress li skont il-proviso tal-Artikolu 25(1) tal-ligi applikabbli, Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-ammont ta’ kumpens f’dawn ic-cirkostanzi “m’ghandux jeccedi l-oghla ammont ta’ kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet”.

Dan il-proviso gie promulgat bl-Att XVII tal-2004, li inter alia ippromulga l-emenda b’mod retoattiv, u cioe`, ghamel l-emenda applikabbli anke ghal proceduri quddiem il-Bord li kienu pendenti. Din l-emenda dahlet fis-sehh fit-23 ta’ Dicembru, 2004, wara l-hrug tal-Avviz ghall-ftehim in kwistjoni, pero`, qabel il-ftuh ta’ dawn il-proceduri. F’kull kaz din l-emenda dahlet fis-sehh <u>qabel</u> ma l-istima tal-membri teknici tal-Bord dahlet in atti u ghalhekk “*ma kien hemm l-ebda raguni li kienet ragonevolment tiggustifika lill-intimati jippretendu li l-ammont li kien se jigi likwidat bhala kumpens mill-Bord kien se jkun ghola mill-ammont li huma stess kienu talbu*” – ara **Kummissarju tal-Artijiet v. Deguara Caruana Gatto et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta’ Settembru, 2010, fejn il-kostituzzjonalita` ta’ dak il-proviso giet mistharrga, bil-qorti tqis li, f’dawk ic-cirkostanzi (simili ghal dak li sehh f’dan il-kaz), ma gewx lezi d-drittijiet ta’ proprjeta` tal-intimati

appellati kif protett mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fid-dawl tal-premess, l-aggravju tal-Kummissarju appellant jirrizulta gustifikat, peress li l-istima ma kellhiex teccedi l-oghla ammont ta’ kumpens li talbet xi wahda mill-partijiet, u dan sabiex is-sentenza tkun konformi mal-Artikoli kollha tal-imsemmi Kap. 88.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Kummissarju tal-Art billi tilqa’ l-istess u tirriforma s-sentenza tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, moghtija fis-16 ta’ Ottubru, 2008, billi tikkonfermaha kollha hlief fejn il-Bord ordna l-hlas bhala kumpens ta’ €2,348 ghall-plot A u ta’ €2643.84 ghall-plot B, u tordna li minflok il-hlas bhala kumpens ghandu jkun ta’ €698.81 ghall-plot A u ta’ €815.28 ghall-plot B.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-Bord, waqt li dawk ta’ din it-tieni istanza jithallsu mill-appellati in solidum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------